# 24. Il-Poeta tal-Ġonna

Għadda l-ġojjin ikanta tul Settembru,
u fl-arja sħuna u taħraq tar-riħ isfel
kanta daqs troubadour illi jiġġerra
minn art għal art.

U bih il-għatx u l-ġuħ, u ġewwa l-ġonna
wara l-għana li għanna mar jittallab;
'mma ħadd ma ħenn għalih; il-bajtra mqita
urietu x-xewk.

U waħda biss għożżitu lill-poeta
minn tant eluf: din kienet ir-rummiena.
Minn ġewwa l-frott ħamran li kellha mdendel
maqsum fi tlieta

Offrietlu s-snien mimlija ħlewwa u benna,
il-ġid ta' qalbha, s-sħana ta' mħabbitha,
il-għan tal-ħajja, dak li tgħix biex tagħmel,
u kull ma kellha.